Kunsill Lokali Ta' Kerċem

**Pjazza Orvieto, Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**

*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt** *website:* **www.kercem.gozo.com**


……………………………………………………………………………………………………………………………………..

# Rapport Amministrattiv ghas-sena 2019

## Weghdna, Hdimna u Wettaqna

Is-sena 2019 kienet is-sena li fl-ewwel xhur taghha kellna l-elezzjonijiet tal- Kunsilli Lokali fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Ghawdex. F'din it- tmien legislatura ta' kemm ilhom li twaqqfu l-kunsilli lokali rajna xi tibdiliet fejn gew eletti zewg membri godda fil-lokalita taghna. Dawn kienu is-sur Alvin Grech u s-sur Horace Vella li mill-ewwel xammru l-kmiem taghhom sabiex jimlew il-vojt li hallew il-membri uxxenti u jaghtu l-impenn taghhom ghal aktar gid fir-rahal taghna ta' Kercem u Santa Lucija.

Insemmi lil Santa Lucija, ma nistax ma nurix ghal darb'ohra d-dizappunt tieghi li Kumitat Amministrattiv li tassew kien qed jahdem u jhalli l-ahjar rizultati b' risq ir-residenti, gie abolit. Qed nirreferi ghad-decizjoni li ttiehdet fejn matul din is-sena, il-Kumitati Amministrattivi gew aboliti. Insellem ghalhekk lil dawk kollha li matul iz-zmien servew fi hdan il-Kumitat Amministrattiv ta' Santa Lucija, u minn qalbi nirringrazzjahom tal-hidma taghhom u r-rizultati pozittivi li akkwistaw.

Kif dejjem nghidu l-hajja trid tkompli u hekk ghamilna sa mill-bidu nett ta' din il-legislatura. Flimkien poggejna fuq mejda u rajna bhala kunsill, kull wiehed minnha, x'jista jaghti fil-qasam l-aktar li jhossu komdu jahdem fih. Kien ghalhekk li kull membru gie mahtur biex jimpenja ruhu fid-diversi rwoli mqassma lilu. Paul Mizzi inghata l-inkarigu tal-edukazzjoni u ambjent, Alvin Grech se jkun qed jahdem fuq l-innovazzjoni u progetti, Frank Attard se jkun qed jissostitwixxi lil dak li kien Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv u ghalhekk responsabbli mill-irhajjel ta' Santa Lucija kif ukoll mill-harsien tal-annimali, Horace Vella zamm l-irwol fuq Kultura u infrastruttura filwaqt li Mario Azzopardi se jkun responsabbli mill-indafa, zaghzagh u tfal, sports u attivitajiet fizici,

anzjani, qasam socjali u integrazzjoni socjali.  Hu mifhum li fil-jiem li gejjin kull membru ser ikun mitlub iressaq rapport ta' hidma fil-qasam li minnu jkun responsabbli.

Biex tamministra jew tmexxi Kunsill bhal kull haga ohra trid il-flus . Harsa lejn il-qaghda finanzjarja ta' dan il-Kunsill irridu nghidu li ghal din is-sena, kellna allokazzjoni ta' mitejn u tmenin elf, mija u wiehed u tmenin elf ewro . Somma li b'ghaqal irridu nkomplu naraw kif inlahhqu mal-ispejjez kurrenti u ohrajn li jinqalghu minn mument ghall-iehor bla mistenni. Semmejt l-ghaqal ghax kien propju dan, li llum minkejja l-hafna ntoppi li habbattna wiccna matul dawn l-ahhar snin, zammejna fil-wicc u llum b'sodisfazzjon kbir nghid li qeghdin nohorgu mill-krizi li konna fiha. Ir-rapport finanzjarju ta' din is-sena jindika dan kollu. B'sodisfazzjon anke irridu niftahru li wasalna biex jirnexxielna nhallsu parti tajba mill-kontijiet pendenti li kienu mhux ftit u ntejjbu allura l-qaghda finanzjarja taghna. Tajjeb li wiehed isemmi li sas-sena 2022 ser nkunu hallasna l-ahhar 16 il-elf ewro fuq il-kont tal-PPP. Ma' dawn jifdal kont tà Richard Cauchi tà 21 elf ewro u sas-sena 2025 inkunu qtajna l-*loan* li ghandna mal-Bank fuq ic-Centru Civiku. Huwa ghalhekk  dan is-sodisfazzjon taghna ghax matul din il-legislatura se nkunu hlisna lil Kunsill minn kull debitu.

Pero' huwa akbar is-sodisfazzjon li minkejja l-hafna cahdiet li kellna naghmlu, irnexxielna nibqghu ghaddejjin bi progetti kbar li l-finanzjament taghhom ridna nistinkaw kemm nifilhu  u naraw li ngibuhom fir-rahal taghna. Qabel nibda nsemmi l-ammont u x'sar, nixtieq nirringrazzja kemm lill-Dr. Justyne Caruana li serviet bhala Ministru ghal Ghawdex matul dawn l-ahhar snin kif ukoll lil dak attwali li qed jokkupa din il-pozizzjoni, il-Perit Clint Camilleri tal-ghajnuna u s-sapport li dejjem taw lil dan ir-rahal ta' Kercem, flimkien mà Santa Lucija. Nawgura li dan kollu jibqa', sabiex il-lokalitajet taghna jkomplu jahdmu biex finalment flimkien naghmlu mhux biss il-lokalita taghna ahjar imma lill-Ghawdex taghna bhala gzira gawhra kif dejjem niftahru. Nirringrazzja lill-istaff kollu tal-Kunsill ghax minghajr l-ghajnuna taghhom, zgur li ma kienx jirnexxielna ngibu u napprofittaw minn dawn l-ghajnuniet.

Semmejt il-progetti u ma nistax ma nsemmix li qatt u fl-ebda zmien, ir-rahal ta' Kercem u Santa Lucija ma sar daqstant xoghol fejn jidhlu toroq daqskemm saru f'dawn l-ahhar sitt snin. Kif semmejt fl-ahhar rapport tas-sena l-ohra, kienu 10 t-toroq li saru matul is-7 legislatura. Tajjeb inkun qed nghid li matul is-sena 2019 u s-sena 2020 biss,  ghamilna jew ser inkunu qed  nibnu 5 toroq godda ohra. Dawn huma, Triq Gojjin, Triq Wenzu Mintoff, parti minn Triq is-summien u parti minn triq ix-Xaghri, Triq Qasam San Pawl u maghha Triq ta' Doti kif ukoll Triq Gh'Tuta. Dan hu nifs gdid ghal dawn ir-residenti li rnexxielna wkoll fl-ahhar nghinuhom sabiex lil dawn igawdu huma wkoll minn  kwalita' ta' hajja ahjar kif wara kollox jixraqilhom. Ma' dan ukoll , ser tinghata l-ahhar kisja ta' triq il-Gamiem u b'hekk inkunu wettaqna l-weghda li l-*Housing Estate* kollu jinghata kompletament bit-*tarmac*. Nghidu wkoll li permezz tal-mizura 4.3, tlestiet kilometru ta' triq it-triq ta' Santa Katerina tal-Qabbieza.  B'hekk ser inkunu gibna madwar miljun u nofs ewro

f'ghajnuna addizzjonali sabiex ir-rahal tà Kercem u Santa Lucija, igawdu minn infrastruttura ahjar fejn jidhlu bini tà toroq godda.

B'fondi ewropej u f'zewg mizuri separati, il-kunsill taghna ghamel u qed ihejji zewg applikazzjonijiet ohra. Peress li jekk nibbenefikaw minn l-ewwel Mizura 4, ser inkunu ntitolati ghal madwar mija u ghoxrin elf ewro, dahhalna l-applikazzjoni tat-tisbieh tal-inhawi tal-Ghadira ta' Sarraflu u *picnic area* minflok l-applikazzjoni li kellna fl-iskema ta' Sebbah il-Lokalita'. Dan peress li li f'din l'applikazzjoni kellna biss massimu ta' hamsin elf ewro u li bihom nistghu naghmlu applikazzjonijiet ohra fi progett li jirrekkjedi anqas spejjez. It-tieni applikazzjoni hija ta' tindif tal-widien. F' *partnership* mall-Kunsill tal-*Victoria*, qed tithejja applikazzjoni sabiex jitnaddaf wied il-Lunzjata u jinbnew il-hitan mill-gdid. Kull kunsill jista' jibbenefika sa massimu ta' mija u hamsin elf ewro kull wiehed.

F'applikazzjoni ohra li saret mill-Ministeru ghall-Ghawdex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali taghna, hu mahsub li fix-xhur li gejjin ser jinbena gibjun fi Triq Qasam San Gorg b'fondi ewropej. Dan ser isir bhala l-ewwel parti mill-progett ta' tisbieh tal-gnien u lqugh tal-ilma propost xi xhur ilu, u kongunt mat-tindif ta' Wied il-Lunzjata f'applikazzjoni apparti. L-istima ta' dan il-progett hi ta' madwar hamsa u tmenin elf ewro u ser ikun ta' ghajnuna ghall-bdiewa taghna.

Bhala xoghlijiet ta' rutina zammejna u tejjibbna s-servizzi taghna fejn jidhlu qtugh ta' haxix, knis madwar ir-rahal, gbir ta' skart, manutenzjoni generali mar-rahal kollu u anke fil-kampanja, gbir tal-*Bulky refuse u patching* tà toroq kull meta jkun mehtieg. Dan kollu qed naraw li jsir fl-iqsar hin jew zmien possibbli ghal konvenjenza tar-residenti taghna, grazzi ghall-haddiema diversi assenjati mal- kunsill taghna. Ma' dan ukoll inzidu l-manutenzjoni u z–zamma tajba tal-gonna kollha li nsibu fil-lokalità taghna. Irrid nirrimarka li zewg haddiema li dejjem taw il-mitejn fil-mija taghhom waqt xogholhom, li huma Carmel Borg u Mario Bartolo, spiccaw minhabba l-pensjoni u zgur li ser jinhass in-nuqqas taghhom. Ghalhekk huwa xieraq li nirringrazzjaw lil dawn iz-zewg gentlomi li bidlu lil-lokalita taghna f' genna matul iz-zmien li kienu mpjegati mal-Kunsill. Nirringrazzja wkoll lil Raymond Sultana li minhabba l-istess raguni temm l-impjieg tieghu u li bhall-ohrajn ser jinhass in-nuqqas tieghu.

Kif dejjem xtaqna u peress anke li rajna titjib tal-qaghda finanzjarja taghna, bil-limitazzjoni taghna tajna l-ghajnuna li stajna lill-Ghaqdiet fir-rahal taghna. Bi ftehim mal-Kumitat Armar Madonna Tas-Sokkors u bl-ghajnuna tal-Ministeru ghal- Ghawdex, intramaw iz-zewg pjazez ewlenin fir-rahal bid-dwal ghal zmien il-Milied minn din l-istess Ghaqda. Ghinna fl-applikazzjoni u bdiversi modi ohra lill-Kumitat ta' Ghajn Tuta fl-attivita li saret bl-ghajnuna wkoll tal- Ministeru ghall-Ghawdex, bl-isem " Dawra Durella" fejn tellghu b'success din l-attivita li ssarrfet f'ghajnuna

finanzjarja ghal din l-ghaqda. Hdimna u gibna fondi anke lill-Ghaqda tan-nar Kercem sabiex anke bl-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex ibbenefikaw minn fondi sabiex tellghu zewg wirjiet unici gewwa l-gzira Ghawdxija bil-loghob tan-nar tal-art. Applikajna sabiex anke f'Santa Lucija ghal din is-sena fi zmien il- Milied, tintrema l-*Christmas tree* unika fl-inhawi ta Ghar Ilma. Inawgurajna l-mini tal-ilma li saru b'tant hidma mill-Kumitat Amministrattiv ta' Santa Lucija. Kien ta' sodisfazzjon ghalina li minn dakinhar li gew inawgurati, rajna mijiet ta dawk interessati li jzuru dawn il-postijiet interessanti.

Applikajna wkoll bhala Kunsill, ghall-kuncert annwali bl-isem Symphony of lights li jsir ta' kull sena b'success fil-pjazza ta Santa Lucija. Kuncert fejn il-Banda tal-lokal taghna jigifieri l-Ghaqda Muzikali San Girgor qed itellghu dan l-kuncert brillanti flimkien ma' kantanti lokali. Dan kollu huwa tà sodisfazzjon ghalina li nkomplu nheggu u ninkoraggixxu aktar it-talent lokali u li permezz tà dan l-incentiv, aktar bandisti u kantanti qed ikomplu jikbru fil-karriera taghhom. Applikazzjoni ohra li saret gewwa Santa Lucija kienet dik tà attività annwali ohra fil-festa ta Fatima li ssir f'Ottubru. Hawn tinxteghel mixghela fuq l-Gholja ta Ghar Ilma b numru *record* ta' fjakkolati li sservi ta' attrazzjoni ghal dawk kollha li jinzertaw ghaddejjin minn kull fejn tidher.

Bhala attivitajiet socjali zammejna l-appuntament taghna meta f'Ottubru organizzajna ghal darb'ohra harga f'Malta fejn numru sabih tà madwar mitt persuna ghogobhom jakkumpanjawna f din il-gita. Bejn Ottubru u Mejju wkoll kien mahsub li nibqghu ghaddejjin bil-hargiet taghna gewwa Ghawdex li qed ikunu organizzati b'success ghall-anzjani taghna. Dawn kienu qed isiru darba fix-xahar imma minhabba l–problema dinjija tal-Covid 19 kellna nissospenduhom mix-xahar ta' Frar 2020. Fil-Milied minbarra l-attivita li tellajna mal-Ghaqda tal-Armar Madonna tas-Sokkors, ergajna laqqajna t-tfal tar-rahal fejn wara dawra bit-train flimkien mal-genituri, iltaqghu ma' *Father Christmas*, kantaw xi *Christmas Carols* flimkien u nghataw xi helu tal-okkazjoni. Wara tqassmu r-rigali tat-tfal fid-djar u ttiehed ritratt tal–okkazzjoni mà *Father Christmas*.

Hbieb, b'dan ir-rapport xtaqt inpoggi dawn il-punti sabiex nuri fejn wieghdna, hdimna u wettaqna. Irrid nirrikonoxxi li sfortunatament mhux kollox wettaqna minkejja li dan iva hu Kunsill attiv u attiv hafna. Forsi, ghax ma jiddependix biss minnha anzi propja ghax ma jiddependix minnha, irrid insemmi b'dispjacir xi haga li qed tiehu hafna mill-energija u l-hin taghna, tista tghid kull meta niltaqghu, li ghadha ma gietx imwettqa u sfortunatament ghadna fil-limbu. Qed nirreferi ghall-problema tat-trakkijiet tar-radam. Jiddispjacini nghid li fuq din il-problema hallewna wahedna minkejja l-hafna weghdi li saru minn diversi awtoritajiet li qalu li fehmu l-problema, jissimpatizzaw maghna u sahansitra tawna ragun imma donnu jibzghu jirfsu kallu ta' min hu f'sahhtu b'detriment ghar-residenti taghna. Ahna hawn qeghdin inbatu u jehtieg li taghmlu xi haga mill-aktar fis possibbli. Ma nistghux nibqghu stmati b'dan il-mod. Nahseb li wasal iz-zmien li dan il-kunsill jibda jitkellem u jagixxi b'mizuri iktar horox biex jinfethu l-widnejn torox.

Irrid nghid li kemm ilu imwaqqaf il-Kunsill tà Kercem, l-unika persuna li tat widen ghal-karba taghna kienet l-Onor. Dr. Justyne Caruana li meta kienet Ministru ghal Ghawdex kienet bdiet l-istudji taghha biex tissolva din il-problema. Meta sar xi tibdil tal-kabinet, kellhom isiru xi laqghat mal-Ministru ghall-Ghawdex l-gdid l-Onor. Clint Camilleri anke fuq din il-problema izda minhabba s-sitwazzjoni li nqalghet tal-Covid 19, dawn gustament, gew mhassra. Minn hawn nappella lill-Ministru Camilleri, naf li ghalih tà Kercem ukoll huwa ghal qalbu, sabiex ikompli jahdem fuq tà qablu sabiex iholl lil dan ir-rahal minn din il-pjaga kif perswaz li ser jaghmel ghas-serhan tar-residenti kollha.

Jien flimkien ma' shabi, se nkompli nishaq li kif wieghdna, hdimna u wettaqna fi zmenijiet aktar difficli, ser inkomplu nahdmu, nittallbu u nakkwistaw biex ingibu dak kollu possibbli li jista' b'xi mod jew iehor ikun tà gid ghall-lokalità taghna kemm gewwa tà Kercem, kif ukoll f'Santa Lucija . Ghax hdimna u ma qtajniex qalbna, gibna r-rizultati u rnexxielna nibdlu dan ir-rahal. Inkomplu mela sabiex nakkwistaw ghal Tà Kercem u Santa Lucija, mhux biss li haqqhom izda dak li jixraqilhom.

**IFFIRMATA**

Mario Azzopardi

Sindku

**IFFIRMATA**

Marianne Sagona

Segretarju Eżekuttiv